

Pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' terminu tradizzjonali kif previst fl-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009

(2010/C 73/13)

Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 ⁽¹⁾, għandha tiġi ppubblikata applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' terminu tradizzjonali fil-Ġurnal Uffiċjali, Serje C, sabiex terzi persuni jkunu infurmati bl-eżistenza ta' dan it-tip ta' applikazzjoni, bil-għan li jkun hemm possibbiltà li ssir oġġezzjoni għar-rikonoxximent u l-protezzjoni tat-terminu tradizzjonali li għalih saret l-applikazzjoni.

PUBBLIKAZZJONI TA' APPLIKAZZJONI GĦAR-RIKONOXXIMENT TA' TERMINU TRADIZZJONALI SKONT L-ARTIKOLU 33 TAR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 607/2009

Data tal-wasla tal-applikazzjoni: 18.2.2010
Għadd ta' paġni: 11
Lingwa tal-applikazzjoni: Spanjol
Numru tal-fajl: TDT-AR-N0004

Applikant:

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz: Instituto Nacional de Vitivinicultura
San Martín n° 430
Ciudad de Mendoza
CP 5500
REPÚBLICA ARGENTINA
Telefown +54 2615216606
Feks +54 2615216604
presidencia@inv.gov.ar

Isem: RESERVA

— Terminu tradizzjonali skont l-Artikolu 118u(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

Lingwa:

— L-Artikolu 31(1)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009

Lista ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti konċernati:

— It-terminu Reserva li għalih qed jintalab rikonnoxximent jista' jintuża fi kwalunkwe żona ġeografika rikonnoxxuta u elenkata fil-lista annessa, li tinstab ukoll fil-websajt <http://www.inv.gov.ar>, u dejjem jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-definizzjoni ta' Reserva.

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli:

— Inbid/Inbid tal-likur (l-Anness XIb tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007)

Definizzjoni:

— Reserva: It-terminu "Reserva" jidentifika l-inbejjed li jiġu prodotti mill-għeneb li jidher fl-Anness tar-Riżoluzzjoni INV C.22/08, jew li jirriżultaw mill-qtuġħ tal-varjetajiet imsemmijin, li huma ta' livell xieraq għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità superjuri. Fil-produzzjoni tal-Inbejjed Reserva, għandhom jintużaw mill-inqas mija u ħamsa u tletin kilogramm (135 kg) ta' għeneb għal kull mitt litru (100 l) ta' nbid. L-inbejjed Reserva ħomor għandhom jitħallew jimmaturaw għal mill-inqas tnax (12)-il xahar sabiex ikunu laħqu stabbiltà enoloġika. Fil-każ tal-inbejjed bojod u rosé, il-perjodu minimu ta' maturazzjoni tal-inbid ma jistax ikun ta' inqas minn sitt (6) xhur. Id-dikjarazzjoni tal-INV dwar l-użu tal-btieti tal-ballut għall-inbid ta' Reserva hija mehmuża ma' dan id-dokument. Ir-Riżoluzzjoni INV C.23/08, li tistabbilixxi l-użu tal-espressjonijiet "Bettija", "Immaturat fi Btieti tal-Ballut" u "Maturazzjoni fil-Ballut" jew simili biss meta effettivament ikunu intużaw kontenituri tal-ballut, sabiex jiġu trażmessi karatteristiċi tipiċi tal-injam fil-produzzjoni tal-inbid, hija mehmuża ma' dan id-dokument.

(1) ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60.